**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Marian Casu**

**Illum 25 ta' Settembru, 2015.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Marian Casu, iben Ionel u Elena Gabriela xebba mhux maghruf, imwieled Rumanija nhar it-2 ta' Frar, 1990, residenti 65, Flat 2, Triq San Gorg, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' ZL 01732.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar granet/gimghat laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa. Mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-ghamla Wiko sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (Art. 334 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-akkuzi;

Rat il-ligi senjatament Art. 334 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

In vista ta’ l-amissjoni ta’ l-akkuzat u tar-reat lillhu imputat kif wkoll il-fatt li l-akkuzat ilhu Malta biss sitt ijiem, il-Qorti qieghdha ssib lill-akkuzat hati u qieghdha tikkundannah piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sospizi ghal erbgha snin.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-oggetti ezebiti llum.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***